Kunsill Reġjun Punent

Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali Marsa, Malta

E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **34**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tlieta 18 ta' April, 2024 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Centru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop Seminary, Triq tal-Virtu', Rabat Malta , fil-5:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

President: Is-Sur Sandro Azzopardi

Il-Qrendi: Viċi President is-Sur David Michael Schembri

Ħad-Dingli: Il-Kunsillier is-Sur David Vassallo

L-Imqabba Sindku s-Sa Marie Grace Zerafa

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

Ħal Safi Sindku s-Sur Johan Mula.

Iż-Żurrieq: Sindku s-Sa Rita Grima

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

L-Imdina: Sindku s-Sur Peter Sant Manduca

Ħaż-Żebbuġ: Sindku s-Sur Mark Camilleri Is-

Siġġiewi: Sindku s-Sur Dominic Grech Ħal

Kirkop: Sindku s-Sur Terence Agius

Ir-Rabat: Sindku s-Sur Alexander Craus

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-18:00 ta' filgħaxija.

**34.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva ittri ta' apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindki ta' l-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca, Ħaż-Żebbuġ is-Sur Mark Camilleri, is-Siġġiewi is-Sur Domenic Grech, Ħal Kirkop is-Sur Terence Agius u tar-Rabat is-Sur Alexander Craus. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżżlu skużati.

**34.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 32 u 33;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni il-Minuti tal-Laqgħa numru 32 li saret nhar it-12 ta' Marzu, 2024 kif ukoll l-minuti tal-laqgħa urġenti 33 li saret nhar it-Tlieta 2 t'A

Sekondant: Is-Sindku ta' Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**34.03 Komunikazzjoni mill-President**

34.03.01 Xtaqt nirringrazzja lil ex DES Ms. Elke Sghendo tax-xogħol impekkabli li wettqet fi ħdan ir-Reġjun Punent. Kienet hi li kkordinat sabiex jitwaqqaf dan ir-Reġjun fejn f'sentejn u nofs sabet diversi ostakli iżda minkejja dan irnexxiela tgħaqqad tim komplut tajjeb u tgħolli isem ir-Regjun għal livell li jixraqlu. Ta' dan nirringrazjaha u nawguralha kull suċċess fil-karriera taghha. Nilqa' ukoll lil DES ġdida Ms. Tania Farrugia li bdiet f'dan ir-rwol nhar il-15.04.24 u nawgura li tkompli timxi fuq il-passi ta' Ms. Sghendo għal ġid tal-Kunsilli Lokali u residenti tar-Reġjun Punent.

34.03.02 Nhar it-13.03.24 irċivejna mid-Dipartiment tal-Kuntratti li il-PCRB ikkonferma li ma tressqu l-ebda appelli dwar is-sejħa għall-offerti. B'hekk il-kuntrattur aċċetta l-għotja permezz tal-ePPS. Jekk ikun hemm xi reviżjoni tal-kuntratt għandna ninfurmaw lill-SPD sad-19. 03.2024.

34.03.03 Nhar it-13.03.24 irċivejna mill-MHAL b'referenza għall-inizjattiva Tħawwil ta' Siġra Kommemorattiva għat-30 Sena mit-twaqqif tal-Gvern Lokali sabiex jinġabru l-plakki kommemorattivi.

34.03.04 Nhar it-13.03.24 ir-Reġjun Punent kien wieħed mir-rebbieħa tal-Malta Waste Reduction Awards 2024 fil-kategorija ta' 'Award for Waste Management Category' u ingħatajna fond ta' Eur5,000.

34.03.05 Nhar l-14.03.24 irċivejna mingħand il-MITA dwar kampanja 'Empowering Cybersecurity Awareness'li ser tkun qed tikkonsisti f'serje ta' vidjows u informazzjoni interattivi maħsuba biex jedukaw u jarmaw il-ħiliet meħtieġa biex jibbenifikaw u jirrispondu għar-riskji tas-sigurta b'mod effettiv.

34.03.06 Nhar l-14.03.24 irċivejna Ċir AKL 2024/022 dwar Fire Warden Training 2024. Dan it-taħriġ ser jinżamm fuq żewġ dati.L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tħallas l-ispiża totali ta' persuna waħda minn kull Kunsill Reġjonali/Lokali.

34.03.07 Nhar l-14.03.24 irċevejna Ċir AKL 2024/023 dwar First Aid & AED Training Course 2024. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tħallas l-ispiża totali ta' persuna waħda minn kull kunsill reġjonali/lokali.

34.03.08 Nhar il-15.03.24 irċivejna Ċir AKL 2024/021 dwar You Matter – Strengthening Minds, Building Resilience. Dan ser issir nhar is-Sibt 13.04.24 ġewwa The Dragonara Point Ballroon fil-lukanda Westin Dragonara.

34.03.09 Bejn il-15.03.24 u 19.09.23 sar il-Proġett dwar 'Collaboration Request for Waste Characterization Study on local feasts' bejn ir-Reġjun Punent flimkien mal-NGO Żibel.

34.03.10 Nhar 18.03.24 bdiet taħdem l-Council Assistant Ms. Kimberly Xuereb

34.03.11 Nhar it-18.03.24 irċivejna l-Bi-annual rapport 2 għal bring in sites.

34.03.12 Nhar it-18.03.24 il-President bagħat lil AIS Technology sabiex jiffirmaw il-Contract Agreement Award tas-sejħa SPD5/2023/035 permezz tal- ePPS, wara li rċivejna kuntratt mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

34.03.13 Nhar it-18.03.24 id-Direttur Galea bagħtilna mudell ta' BOQ flimkien ma l-ittra draft minħabba is-servizz addizzjonali mitlub skont klawżola 20.6 tal-kuntratt li għandu jiskadi fit-18 ta' Mejju,2024. Il-Kunsill Reġjonali jeħtieġ li jitlob lid-Dipartiment tal-Kuntratti l-approvazzjoni ta' addendum ieħor għall-Kuntratt. Dan il-mudell BOQ għandu jintuża biex tintalab kwotazzjoni lill-Kuntrattur għal servizz ieħor ta' sena li jibda malli jiskadi l-addendum eżistenti.

34.03.14 Nhar id-19.03.24 l-ispettur Cremona bagħat statistika ta kif inhu compost it-tim tal-lokalità. Din it-tali statistika dvarja skont il-lokalità fejn ċertu minnhom ikunu iktar attivi minn oħrajn.

34.03.15 Nhar l-20.03.24 irċevejna PQ 17606 – Ġbir tal-iskart – Kuntratt Reġjonali. 17606 L-ONOR REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16431, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt reġjonali attwali?

34.03.16 Nhar l-20.03.24 irċivejna mingħand l-ACR+ bħala membru tan-netwerk ta' bliet u reġjuni Hoop. Ser ikunu qed ittellgħu għas-sitt staġun tal-hoop lunch talk.

34.03.17 Nhar l-20.03.24 attendejt ghal Konferenza tal-Aħbarijiet mtella' mill-Kunsill Lokali Siġġiewi dwar il-Mixgħela Ħamis ix-Xirka fis-Siġġiewi 2024

34.03.18 Nhar l-21.03.24 irċivejna mingħand TORB dwar il-permess PA 1873-23 u nistgħu nirrevokaw in-Notification of Suspension tal-proġett ta Torre Dello Standardo.

34.03.19 Nhar l-21.03.24 irċivejna statistikata kull lokalità fir-rigward ta' spezzjonijiet dwar l-iskeda tal-iskart u s-separazzjoni obbligatorja tal-iskart.

34.03.20 Nhar il-21.03.24 irċivejna dwar Case 1835/1836/1837 - Application for Declaration of Ineffectiveness – Mr Richard Cauchi, Mica Med Ltd and J.F Mallia. Infurmawna li l-każ li kien ser jinstema nhar il-Ħamis it-28.3.24 ser ikun qed jiġi pospost għal data

futura oħra. Nhar it-08.04.24 irċivejna li l-każ kien ser jinstema nhar il-Ħamis it-23.05.24

34.03.21 Nhar it-21.03.24 irċivejna iċ-ċertifikati Lulju-Diċembru mingħand il-Wasteserv. Dan huwa l-ammont ta' skart li ġie proċessat għar-riċiklagg mir-Reġjun Punent u Bring in sites.

34.03.22 Nhar it-21.03.24 il-manager tal-EU/Funds bagħtet is-Sur Vella l-ambaxxatur tal-Estonja u l-Finlandja it-talba uffiċjali għal proġett tal-Erasmus+ ' Well Being Project' li għandu l-għan li jimmira s-saħħa mentali u l-benessri ħolistiku fost l-membri tal-organizzazzjonijiet volontarji fir-Reġjun tal-Punent.

34.03.23 Nhar it-21.03.24 bgħatt email lill-Kunsilliera tal-KL Żurrieq wara li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali rrimarkaw diversi nuqqasijiet. Ukoll saret laqgha magħom nhar it-Tlieta 26.03.24.

34.03.24 Nhar it-22.03.24 irċivejna Ċir AKL 2024/024 dwar Taħdidiet dwar it-Tisjir bil-Malti.

34.03.25 Nhar it-22.03.24 irċivejna mill-ERA li l-Awtorità se tkun qed toffri numru ta' uffiċjali b'kuntratt fost ir-Reġjuni interessati. L-uffiċjali għandhom jiġu assenjati biex iwettqu spezzjonijiet fil-hotspots ta' skart l-aktar problematiċi kif identifikati. It-tali hotspots għandhom jigu kkomunikati biss mir-reġjun u pprovduti kull nhar ta' Tnejn u Ġimgħa.

34.03.26 Nhar it-23.03.24 sar l-U8 Regjun Punent Fun Football Festival ma Mqabba FC Youth Nursery. Fiha tfal ukoll raw esebizzjonijiet mil-każini tal-baned tal-lokal marbuta mal-Ġimgha l-Kbira.

34.03.27 Nhar is-26.03.24 irċivejna minghand Ms. Zammit minn StradaRjali. Jixtiequ jibdew sensiela f'lokalitajiet differenti madwar Malta. Din ser tkun qed tissejjaħ "Ejja magħna sa..." . Saret laqgħa flimkien mal-maniġer tal-kultura, is-Sur Duncan Caruana fis-17.04.2024

34.03.28 Nhar is-27.03.24 irċivejna PA/01873/23, din l-applikazzjoni għandha tiġi deċiża mill-kummissjoni tal-ippjanar fil-laqgħa li għandha ssir fis-26.04.24 online kif ukoll fiżikament fil-foss ta' San Franġisk, il-Furjana.

34.03.29 Nhar is-27.03.24 irċivejna Ċir AKL 2024/025 Save the date – 29th ECAD's Mayors Conference. L-ECAD (European Cities Against Drugs) se tkun qed torganizza d-29 Konferenza għas-Sindki b'kollaborazzjoni mal-muniċipalità tal-belt ta' Kaunas. se ssir online u hija skedata li ssir fit-12 ta' Ġunju 2024 u se tiġi segwita wkoll mill-Kungress tal-ECAD.

34.03.30 Nhar is-27.03.24 il-manager tal-EU / Local Funds bagħtet informazzjoni dwar skema li ġiet imnhedija minn Voluntiera Malta (*Malta Council for the Voluntary Sector*). Din l-iskema komunitajiet aktar inklussivi għandha l-iskop li tolqot żewġ għanijiet prinċipali li tippromwovi il-volontarjat fost il-komunitajiet lokali u li titrawwem kultura ta' inklużjoni. Il-fond allokat huwa ta' €250,000. Is-somma massima li tista' tingħata fuq kull proġett hija ta' €10,000. Id-data tal-għeluq hija l-4 ta' Mejju 2024.

34.03.31 Nhar it-28.03.24 irċivejna invit mingħand Reġjun Lvant għal seminar fuq is-Social Impact Assessment li ser issir nhar it-Tnejn it-8.04.24.

34.03.32 Nhar it-28.03.24 il-waste manager bagħat it-tieni rapport tal-half yearly lill-ERA.

34.03.33 Nhar it-28.03.24 irċivejna Ċirkulari 2/2024 dwar Kors ta' Baċellerat fl-Arti fil-Politika u l-Governanza

34.03.34 Nhar it-28.03.24 flimkien mal-Maniġer tal-Iskart attendejt ghall-laqgħa mal-PS Caruana, DG Vassallo, Mario Fava AKL u rappreżentanti ta' ERA dwar sitwazzjoni tal-iskart u rendikont tal-accounts. Agenda: Konferma tal-Kuntratt sena 2023; Kuntratt ġdid għas-sena 2024 & Beyond għax sa llum għalkemm trakkijiet qed jidħlu l-Wasteserv ma hemm ebda kuntratt iffirmat; Talba għal data regolari mill-Wasteserv fuq kolletturi ta' ġbir ta' skart kummercjali; Affarijiet oħra.   Wara kwistjoni mal-Wasteserv fuq ir-rimbors tal-ġbir tal-iskart organiku kemm tad-djar kif ukoll taċ-ċimiterji, kif ukoll minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni minn naħa tal-Wasteserv, il-Perm Sec tal-ministeru tal-Ambjent sejjaħ laqgħa sabiex il-kwistjoni tiġi solvuta. Għalkemm ma kienx hemm presenti membri minn naħa tal-Wasteserv, il-Perm Sec iċċarha li r-rimbors ser nirċievuh kollu u li ser jkun hemm iktar komunikazzjoni minn naħa tal-Wasteserv.

34.03.35 Nhar it-28.03.24 mexxejna l-operat tar-Reġjun għas-Seminarju. Grazzi tmur lill-istaff kollu speċjalment lill-Project Manager Conrad Fenech li kkordina diversi xogħlijiet u lill- IT Manager Adam Cassar sabiex ħejja l-logistika sabiex l-istaff seta jerġa jopera bl-anqas inkonvenjent possibli.

34.03.36 Nhar it-30.03.24 sar l-U13 Reġjun Punent Fun Football Festival ma' Dingli Swallows FC Youth Nursery. Fiha tfal ukoll marru dawra bil-karozza tal-linja antika u raw esebizzjoni marbuta mal-Ġimgha l-Kbira.

34.03.48 Nhar l-01.04.24 irċivejna mingħand is-Sa Borġ il-kwestjonarju kif ukoll ittra ta' informazzjoni u kunsens li għandhom jintbgħatu lis-sindki u kunsilliera fuq il-Progett tas-SIA. Dan irid jigi mwiegeb sa 19 t'April.

34.03.49 Nhar l-01.04.24 irċivejna mingħand il-Wasteserv ittri ta' twissija maħruġa lit-trasportaturi inkluz ritratti u biljetti tal-weighbridge.

34.03.50 Nhar it-02.04.24 irċivejna mingħand DLG Ċirkulari 3/2024 dwar Proċedura Standard għal talbiet ta' kumpens.

34.03.51 Nhar l-04.04.24 ingħaqdu żewġ studenti Pollakki Pawel Paliga u Szymon Skowronek magħna mill-kumpanija Metis li ser ikunu magħna għal tliet ġimgħat.

34.03.52 Nhar l-04.04.24 irċivejna l-ittra tal-Ħatra tal-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv. Din bdiet fi rwol tagħha nhar l-15.04.2024

34.03.53 Nhar l-04.04.24 ġejna avviċinati mill-Kumitat Olimpiku Malti fejn infurmawna li bħala parti mill-wirt tas-suċċess waqt il-logħob tal-pajjiżi ż-żgħar, il-Kumitat ppubblika ktieb tifkira tal-okkażjoni fejn ser ikunu qed ituna koppja sabiex inqassmu lill-Kunsilli.

34.03.54 Nhar il-05.04.24 saret laqgha mal-President tal-AKL fejn gie diskuss il-ftehim li hemm mal-PROs. Ir-Reġjun ser jkun qed jibgħat invoice lill-PROs għar-rimbors tas-servizz

tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli, mingħajr il VAT. Il-VAT ser ikun qed jingħatha mingħand id-DLG. Għad m'hemmx iffirmar ta' kuntratti fuq dan il-ftehim.

34.03.55 Nhar il-05.04.24 intbgħat l-invit tal-Apokalissi ta' San Ġwann lill-Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi, staff tal-Kunsilli lokali u nies oħrajn li għaddewlna lista tagħhom il-Kunsill Lokali Żurrieq u l-organizzaturi. Nhar it-08.04.24 saret Konferenza stampa fuq it-tnehdija tal-programm l-Apokalissi ta' San Ġwann li huwa oratorju, mtella' mill-orkestra tal-Kunsill Lokali Żurrieq ġewwa l-katidral Metropolitan tal-Imdina.

34.03.56 Nhar id-09.04.24 irċivejna Ċir AKL 2024/026 dwar RIGHTS Training - Second Round. Dan ser ikun qed jiġi maqsum fi tlett ijiem.

34.03.57 Nhar l-10.04.24 irċivejna mingħand DLG DG Vassallo tfakkira dwar il-Campers u Caravans. Sa 17.04.24 il-Kunsilli ġew mitluba jibgħatu lista ta' postijiet (non-designated) fejn ser jippermettu l-caravans u n-numru ta' postijiet li jesa' kull sit. Dawn ser ikunu inklużi f'sistema elettronika li toffri biss il-postijiet indikati mill-Kunsilli Lokali.

34.03.58 Nhar it-12.04.24 il-ħaddiema tal-Public Works lestew ix-xogħolijiet ta' manutenzjoni li kien meħtieg fl-uffiċini l-ġodda ġewwa Seminarju. Ukoll laħqu twaħħlu l-AC's, ingħadda l-wiring għal internet u telefonija. Madanakollu fadal xi rqaqgħat zgħar u il-ġimgħa d-dieħla ser titwaħħal is-sistema tal-alarm.

34.03.59 Nhar il-15.04.24 il-Maniġer tal-Ambjent ġabar l-emails chains li jikkonfermaw li m'hemm l-ebda servizzi mgħoddija minn taħt l-art mingħand ENEMALTA, WSC, GO, MELITA, u EPIC fis-siti immarkati għall-installazjoni ta' arbli tal-proġett "Nudge Active Travel"

34.03.60 Nhar is-16.04.24 il-Maniġer tal-EU / Local Funds bagħtet informazzjoni dwar skema li ġiet imnehdija mil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta dwar għotjiet finanzjarji mmirati għall-organizzazjonijiet volontarji Informazzjoni - Skema fuq xiri ta' vetturi elettriċi. Din l-iskema għandha l-intenzjoni li tippromwovi l-użu u x-xiri ta' vetturi elettriċi fil-kategoriji L, M u N, kif ukoll *pedelacs* ġodda. Din l-iskema se tibqa' miftuħa sal-31 ta' Diċembru 2024 jew sakemm il-fondi allokati jiġu eżawriti.

**34.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet**

**34.04.01** Il-President informa li fuq il-kwistjoni tal-Generic email, il-President tal-AKL Mario Fava infurmah li l-AKL kienu waslu f' kompromess li jkun hemm 'forwarding' awtomatiku minn fuq il-generic għall-email tas-Sindki u Presidenti Reġjonali. Minn naħa tal-Assoċjazzjoni, kienu komdi b' dan l-arranġament għaliex l- intenzjoni hi li tasal l-informazzjoni. Sta għas-Sindku u / jew President li jagħti struzzjonijiet li kull twegiba li tingħata mill-kunsill, hu jrid ikun ikkuppjat biha. DG Vassallo bgħat ukoll email nhar 21.03.24 li kienet saret fil-passat u jaqbel dwar dan.

**34.04.02** Il-Viċi President is-Sur David M Schembri semma li l-Kunsilli Lokali irċivew 2 rapporti.**–** , wieħed fuq Tramuntana ta' Malta u ieħor fuq Nofsinhar ta' Malta fuq "open top buses" u siġar li hemm jostakolaw ir-rotta. Il-President informa li ser jkun qed jikteb lid- DG sabiex ma jingħatax permess lil dawn l-'open top buses' biex jgħaddu minn dawn ir-rotot u li m'hemmx fondi biex dawn jgħaddu. Irid isir 'Traffic impact assessment' mis- sidien tal- 'Open top Bus'.

**34.05 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

34.05.01 Rapporti tal-managers

34.05.02 Kwotazzjoni RFQ147/2024 Request For Quotation of Maltese English Dictionary

34.05.03 Kwotazzjoni RFQ148/2024 Request For Quotation for photos, videos and drone.

34.05.04 Kwotazzjoni RFQ149/2024 Request For Quotation for the provision of Electrical and Plumbing works.

34.05.05 Kwotazzjoni RFQ 150/2024 Request For Quotation for the provision of Cultural Event progett Apokaliptiku

34.05.06 Kwotazzjoni RFQ 151/2024 Request For Quotation for the hiring of Conference Chairs.

34.05.07 Kwotazzjoni RFQ152/2024 Request For Quotation for Movers

34.05.08 Kwotazzjoni RFQ153/2024 Request For Quotation for Videographer for a Cultural Event.

34.05.09 Kwotazzjoni RFQ154/2024 Request For Quotation for the supply and delivery of an automatic washing machine

34.05.10 Kwotazzjoni RFQ155/2024 Request For Quotation for the supply of drone insurance

34.05.11 Rapport it-tieni rapport ta' nofs is-sena lill-ERA

34.05.12 Rapport tal-handover tal-Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv

34.05.13 Ittra ta' ringrazzjament mingħand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Elke Sghendo

**34.06 Approvazzjoni ta' Xiri**

34.06.01 Kwotazzjoni RFQ147/2024 Request For Quotation of Maltese English Dictionary.

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Kunsillier ta' Dingli – Is-Sur David Vassallo
Il-Kunsill qabel unanimament.

34.06.02 Kwotazzjoni RFQ148/2024 Request For Quotation for phots, videos and drone.

Il-President informa li ntbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna erba' offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President, is-Sindku tal-Qrendi David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

34.06.03 Kwotazzjoni RFQ149/2024 Request For Quotation for the provision of Electrical and Plumbing works.

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Kunsillier ta' Dingli – Is-Sur David Vassallo
Il-Kunsill qabel unanimament.

34.06.04 Kwotazzjoni RFQ150/2024 Request For Quotation for the provision of Cultural Event proġett Apokalittiku.

Il-President informa li ntbagħtu ħames inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna erba' offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President, is-Sindku tal-Qrendi Is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

34.06.05 Kwotazzjoni RFQ 151/2024 Request For Quotation for the hiring of Conference Chairs.

34.06.06

Il-President informa li ntbagħtu ħames inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna erba' offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President, is-Sindku tal-Qrendi David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

34.06.07 Kwotazzjoni RFQ152/2024 Request For Quotation for Movers

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President, is-Sindku tal-Qrendi David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

34.06.08 Kwotazzjoni RFQ153/2024 Request For Quotation for Videographer for a Cultural Event.

Il-President informa li ntbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta

Sekondant: Il-Viċi President, is-Sindku tal-Qrendi David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

34.06.09 Kwotazzjoni RFQ154/2024 Request For Quotation for the supply and delivery of an automatic washing machine

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna offerta waħda biss. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba, is-Sa. Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

34.06.10 Kwotazzjoni RFQ155/2024 Request For Quotation for the supply of drone insurance.

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom ma rċivejna l-ebda offerta.

**34.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.24**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 24.

Proponent: Is-Sindku ta' Mqabba, is-Sa. Grace Marie Zerafa
Sekondant: Il-Viċi President, is-Sindku tal-Qrendi David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**34.08 Rapport tal-Awdituri**

Il-President Sandro Azzopardi informa li wara li sar l-Audit, din il-ġimgha kellu laqgħa sabiex jiġu ċċarati l-aħħar informazjoni li talbu l-awdituri, fejn minn naħa tagħhom ressqu l-aġġustamenti li kien hemm bżonn isiru. Wara li l-accountant emenda l-accounts, qed inressaq għall-approvazzjoni l-Annual report u l-Financial statements għall-approvazzjoni.

Sekondant: Is-Sindku ta' Safi – Is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

**34.09 Rapporti tal-Maniġers Jannar sa Marzu 2024**

**34.09.01 Rapport tal- Manager tal-Iskart**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal- Manager tal-Iskart għal perjodu Jannar Marzu 2024.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa. Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

**34.09.02 Rapport tal-Manager tal-Ambjent**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal- Manager tal-Ambjent għal perjodu Jannar Marzu 2024.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa. Grace Marie Zerafa

Il-Kunsill qabel unanimament

**34.09.03 Rapport tal-Manager tal- Proġetti**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-Proġetti għal perjodu Jannar Marzu 2024.

Sekondant: Il-Kunsillier ta' Ħad-Dingli, Is-Sur David Vassallo

Il-Kunsill qabel unanimament.

**34.09.04 Rapport tal-Manager tal-IT**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-Proġetti ghal perjodu Jannar Marzu 2024.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa. Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

**34.09.05 Rapport tal-Manager tal-EU / Local Funds**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-IT ghal perjodu Jannar Marzu 2024.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi, Is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**34.09.06 Rapport tal-Manager tal-Kultura**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-IT ghal perjodu Jannar Marzu 2024.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi, Is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**34.10 Data għal Laqgħa Ġenerali Annwali**

Il-President ippropona d-data ta' 17 ta' Mejju fi 6:00pm sabiex issir il-Laqgħa Ġenerali Annwali tar-Reġjun Punent ġewwa Seminarju, ir-Rabat.

Il-President ippropona ukoll l-approvazzjoni sabiex wara ikollna riċeviment.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa. Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**34.11 Tiġdid tal-Kuntratt tal-project manager**

Il-President informa li l-Probation tal-Projects Manager għalqet fl-10 t' April 2024 u ppropona li kemm il-darba m'hemmx oġġezzjoni jinżamm fil-kariga tiegħu.

Sekondant: Il-Kunsillier ta' Ħad Dingli, is-Sur David Vassallo
Il-Kunsill qabel unanimament

**34.12 All Digital Seminar**

Il-President semma li nhar it-22.03.24 irċivejna korrispondenza Save the Dates: ALL DIGITAL Summit. Qed niġu mistiedna għas-17 edizzjoni tas-Summit tal-ALL DIGITAL li se jsir bejn il-15.10.24 u s-17.10.24 ġewwa Madrid fi Spanja. Il-President ippropona jattendi għalih l-IT Manager Adam Cassar.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa. Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**34.13 Materji Oħra**

**34.13.01 Malta Waste Reduction Awards 2024**

Il-President informa li Reġjun Punent ġie fl-ewwel post għal "Best Performing Region" għas-sena 2023 u rebaħ l-Eco Hive award. Ta' dan ingħata Eur5,000 mingħand Wasteserv.
Il-President ippropona li jinxtraw skips kbar (1100 litru) għall-iskejjel tar-Reġjun sabiex jkollhom mezz aħjar biex jisseparaw l-iskar.

Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa Grace Marie Zerafa proponiet sabiex fejn hemm min diġa għandu skips naraw xi alternattivi u metodi oħra li nistgħu nassistu lil dawn l-iskejjel.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa. Grace Marie Zerafa

Il-Kunsill qabel unanimament

**34.13.02 Ftehim ma Wasteserv dwar rimborż ta' ġbir ta' skart organiku**

Il-President informa li nhar l-14.03.24 irċivejna mingħand il-Wasteserv dwar ir-rimborż ta' skart organiku miċ-ċimiterji li ġiet solvuta, kif ukoll dwar it-tfassil tal-ftehim għall-2024. Fir-rigward tal-iskart Organiku domestiku se jkunu qed jużaw il-BOQ's tas-sena l-oħra. Filwaqt li fir-rigward taċ-ċimiterji, il-BOQ's japplikaw biss sa April 2024. Jekk il-BOQ il-ġdid ma jkunx disponibbli, il-Wasteserv ser jabbozzaw il-ftehim b'żewġ rati (Jannar sa April u Mejju sa Diċembru). B'nota ċara bil-miktub li tiddikjara li r-rata ta' Mejju-Diċembru hija suġġett għal bidla ladarba BOQ ġdid ikun disponibbli. Il-President ressaq għal approvazzjoni sabiex ikun iffirmat dan il-ftehim.

Sekondant: Il-Kunsillier ta' Ħad Dingli, is-Sur David Vassallo
Il-Kunsill qabel unanimament

**34.13.03 Proġett ta' Interreg Italia-Malta - STORJA**

Il-President semma li nhar l-20.03.24 irċivejna mingħand is-Sa. Camilleri f'isem is-sovrintendenza tal-wirt kulturali sabiex nintroduċu proġett ta' Interreg Italia-Malta li ser ikunu qed japplikaw għalih bħala Lead Partners. Dan il-proġett bl-isem Storja ser jiffoka fuq l-identifikazzjoni ta' xejriet turistiċi f'Malta u Sqallija, bl-għan ewlieni li tissaħħaħ ir-reżiljenza kulturali, soċjali u ekonomika lokali bbażata fuq żvillupp sostenibbli mmexxi mill-wirt. L-irwol bħala partijiet interessati se jgħin fl-ippjanar u l-iżvillupp tal-proġett. Kontribuzzjonijiet finanzjarji mhux se jkun meħtieġa. Il-President ressaq għal approvazzjoni sabiex nipparteċipaw f'dan il-proġett.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa. Grace Marie Zerafa

Il-Kunsill qabel unanimament

**34.13.03** **Data għat-tnehdija tal-Ktieb**

Il-President ippropona id-data tal-31 ta' Mejju fit-8:00pm fil-Kappella Sant' Agatha ir-Rabat sabiex innhiedu l-ktieb 'Djar t'Alla, Djar tal-Poplu'. Il-President ippropona ukoll l-approvazzjoni sabiex wara ikollna riċeviment.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba, is-Sa. Grace Marie Zerafa

Il-Kunsill qabel unanimament

**34.14** **Tmiem il-laqgħa u data u ħin tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fit-20:30 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **id- 17 ta' Mejju, 2024 fil-5:00pm.**

IFFIRMATA
Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

IFFIRMATA
Tania Farrugia
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

17 ta` Mejju, 2024

Ikkonfermati llum